


JANNAR - MARZU 2012

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Jien Immur l-Iskola Kuljum Għax Jaqbilli**

Dawk l-istudenti li jattendu l-iskola kuljum imorru ħafna aħjar, fl-iskola u barra, minn oħrajn li jfallu. Huwa importanti li tmur l-iskola għax:

1. tant tħossok parti mill-iskola, li tipparteċipa fl-attivitajiet li jkunu organizzati u li tħossok ferħan li tkun fl-iskola
2. li tmur l-iskola kuljum ikun ifisser li għandek iċ-ċansijiet kollha biex titgħallem taqra u tikteb aktar u l-ħiliet l-oħra kollha li ser ikollok bżonn fil-ħajja
3. li tagħmilha ma' studenti oħra kuljum tagħtik l-akbar opportunità biex titgħallem tibni relazzjonijiet u tikkonsolida ħbiberiji
4. fl-iskola tkun 'il bogħod mit-toroq jew mill-kompjuter li jistgħu jdaħħluk f'tant problemi u
5. dawk l-istudenti li jmorru l-iskola kuljum għandhom aktar ċans li jibqgħu jistudjaw u jsibu postijiet ta' xogħol aħjar.

Il-ġenituri żgur li għandhom jagħtu daqqa t'id biex uliedhom jattendu l-iskola kuljum u dan billi juru interess f'dak li jkun qed isir fl-iskola. Kulħadd jaf li l-iskola tagħna tibgħat SMS mill-ewwel, kemm-il darba l-istudent ma jkunx ġie l-iskola. Il-ġenitur għandu jinforma u jagħti raġuni ġenwina lill-iskola kull meta t-tifel ikun ser ifalli jew diġà falla. Dak il-ġenitur li jivvinta kull skuża biex ibnu jfalli jew li jkun falla jkun qed jgħallem lil ibnu jgħaddi lill-awtorità biż-żmien u li fl-aħħar twassal biex l-istudent jagħmel l-istess lilu.

*....ikompli f'paġna 2*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
💻 http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

## Dak li Tiżra' Taħsad

Fi ftit tal-jiem oħra l-istudenti se jkunu qed jagħmlu l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Naturalment ir-riżultati jiddependu minn kif kull student ikun ħa s-suġġetti fl-iskola u anki fl-istudji tiegħu d-dar. Kemm l-istudenti kif ukoll l-għalliema u l-ġenituri jkunu jixtiequ li kull student ikollu riżultati tajbin. Imma din il-ħaġa ma tiddependix biss fuq ix-xewqat. Hemm is-sagrifiċċji li jridu jsiru matul is-sena kollha u minn kulħadd, b'mod partikolari mill-istudenti. Dan għaliex l-istudenti huma l-protagonisti f'din il-mixja edukattiva ta' ħames snin fl-iskola sekondarja. Għaldaqstant biex kull student ikun jista' jiċċelebra s-suċċess tiegħu għandu jieħu l-affarijiet bis-serjetà. Ma nistgħux nistennew li se jkun hemm suċċess jekk nagħmlu erba' snin naħlu ż-żmien imbagħad fil-Ħames Sena niftakru f'dak li suppost ftakarna sa mill-Ewwel Sena, jiġifieri d-dmir tagħna bħala studenti. Riżultati tajbin jinkisbu billi wieħed jieħu interess fil-lezzjonijiet u jipparteċipa, jagħmel ix-xogħol tad-dar, jaqra u jistudja u mhux billi jaħli sigħat u ġranet sħaħ jilgħab fuq l-*internet* u bil-*playstation*.

Madanakollu l-istudenti m'għandhomx ikunu ffukati biss fuq l-aspett akkademiku. Għandhom jinvestu wkoll ħinhom u l-enerġija tagħhom f'attivitajiet li jkabbruhom u jgħinuhom jiżviluppaw mil-lat soċjali, fiżiku, spiritwali u emozzjonali. L-iskola toffri diversi opportunitajiet kemm fil-ħin tar-rikreazzjoni kif ukoll wara l-ħin tal-iskola. Attivitajiet simili jiġu offruti f'diversi għaqdiet u istituzzjonijiet oħra. Huwa b'dan il-mod li jkollna ċittadini attivi li jagħrfu jibbenefikaw mill-opportunitajiet li toffri s-soċjetà u l-ambjent ta' madwarhom. Dan sabiex eventwalment jikbru f'ċittadini li jkunu kapaċi jagħtu xi ħaġa lura fis-soċjetà.

Is-Sur W. Incorvaja
Għalliem

*...ikompli minn paġna 1*

Importanti li nimxu id f'id u li wieħed iħares 'il bogħod. Tajjeb tkunu tafu li l-Kulleġġ tagħna huwa mogħni b'servizzi professjonali mill-aqwa għal dawk il-ġenituri li għandhom problemi b'uliedhom. Huwa importanti li kull min jeħtieġ dawn is-servizzi, jagħmel l-aqwa użu minnhom.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

# ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI FI ŻMIEN IL-MILIED

Bħal kull sena, għall-Milied 2011 ġew organizzati diversi attivitajiet reliġjużi bil-qofol jintlaħaq fiż-żewġ quddisiet li saru fis-sala tal-iskola, waħda għall-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena u l-oħra għal dawk tat-Tielet, tar-Raba' u tal-Ħames Sena. Il-quddisiet saru miż-żewġ diretturi spiritwali tal-iskola, Fr Glen Buhagiar u Fr Ronnie Zammit.





Minbarra l-quddies, l-istudenti ta' kull sena ħadu sehem ukoll f'adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat fejn għaddew mumenti ta' ġabra u riflessjoni dwar it-tifsira vera tal-Milied. Ma naqasx ukoll il-qari ta' ħsieb reliġjuż adattat għal dawn iż-żminijiet waqt il-*form assemblies*.

Bħas-snin l-imgħoddija saret ukoll il-purċissjoni bil-Bambin madwar l-iskola. Ma naqsux ukoll l-għanjiet tal-Milied fil-ħin tal-brejk, kantati minn diversi studenti u għalliema li allegraw lil dawk kollha li semgħuhom.

Attività oħra kienet iż-żjara li xi studenti mill-grupp tal-CREA għamlu fl-attività Betlehem f'Għajnsielem. Fiha dawn l-istudenti esperjenzaw presepju ħaj mibni fl-għelieqi biswit il-knisja t'Għajnsielem, Għawdex.

Diversi studenti ħadu sehem ukoll fil-kompetizzjoni tal-presepji li ssir fost l-istudenti tal-iskejjel Maltin. Bi pjaċir ngħidu illi tnejn minnhom, Melchior Zahra tal-1.4 u Darren Borg tal-1.2 għaddew għall-fażi finali ta' din il-kompetizzjoni wara li ġurija apposta ġġudikat il-presepji kollha li ħadu sehem. Il-presepji li saru kienu esposti għall-wiri fil-*foyer* tal-iskola sabiex kulħadd japprezza t-talent u l-ħidma tagħhom.

F'dawn l-attivitajiet kollha nħass sew l-ispirtu tal-Milied fost l-istudenti b'mod li dawn jagħrfu aktar it-tifsira vera ta' dan iż-żmien.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# KELMTEJN MID-DIRETTUR SPIRITWALI





Meta kont student, ix-xahar ta' Frar, kien wieħed mix-xhur li kont nieħu qatgħa bih, peress li hu x-xahar tal-eżamijiet. Ftit huma dawk li jieħdu pjaċir jistudjaw għall-eżamijiet, imma meta wieħed jistudja jkun qed jitgħallem u dak li jkun tgħallem iservih għall-ħajja tiegħu 'l quddiem. Bħal kull ħaġa oħra, fil-ħajja rridu nbatu biex nakkwistaw xi ħaġa. Jekk irrid li jkolli riżultati tajbin, irrid nagħmel ħilti, nagħmel ftit sagrifiċċju u noqgħod bilqiegħda nistudja. Il-ġenituri tagħna jagħmlu diversi sagrifiċċji għalina: jqumu filgħodu u jmur/jmorru għax-xogħol, ilestulna l-ikel, jaħslulna l-ħwejjeġ, iwassluna bil-karrozza fejn inkunu nixtiequ u ħafna affarijiet li l-ġenituri jagħmlu għalina biex jarawna ferħana.

"Alla hekk ħabb lid-dinja li tana lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih isalva" *(Ġw 3,16)*.

**X'kien il-prezz tas-salvazzjoni tagħna?**

Ma kienx prezz irħis, imma Ġesù għamel sagrifiċċju kbir, bata u miet għalina.

**X'kien ir-riżultat?**

Li reġa' ħabbibna mal-Missier u b'hekk ksibna s-saltna tas-smewwiet.

Ejjew aħna lkoll nagħmlu ftit sagrifiċċju u niftakru li dak li nagħmlu waqt il-ħin tal-istudju ser ikun jiswa għall-ġid tagħna. L-ewwel nett għax tieħu pjaċir li jkollok marki tajbin, u t-tieni nett għax għada pitgħada takkwista dak li tkun studjajt għalih.

Awguri għall-eżamijiet. Jien nitlob għalikom.

Fr Glen

Kummenti pożittivi u ta' akklamazzjoni huma s-sodisfazzjon kbir ta' kull min b'xi mod kellu sehem fil-pantomima ta' din is-sena. Kienet ħidma kbira minn diversi nies għal tliet xhur sħaħ li tat dan ir-riżultat tant sodisfaċenti.







Aladin hija storja li tul is-snin affaxxinat tant tfal kif ukoll kbar u għalhekk kienet għażla awtomatika għall-pantomima ta' din is-sena. Ovvjament l-iskript żvija ftit mhux ħażin mill-istorja oriġinali tant li fl-istorja daħal ukoll Ali Baba u l-mara tiegħu, naraw in-nies jistennew bla sabar fuq l-istejġ tal-Arriva u żgur mhux l-inqas is-superstar futura tagħna, Gracey Darmanin, id-dama, li serqet l-attenzjoni ta' kulħadd.

Il-pantomima ta' din is-sena kibret għal diversi raġunijiet: żidna fl-apparat tad-dawl u tas-*sound*; kellna aktar xenarji mis-soltu; kellna wkoll xi ftit piroteknika; għall-ewwel darba ġie pprintjat ktejjeb għall-okkażjoni. Dan barra li fl-iskola tagħna għandna talenti kbar li jinkludu kantanti, żeffiena, mużiċisti, kif ukoll *make-up artists* li rnexxielhom idawru eks Miss Malta f'viljakk kattiv, raġel f'mara li trid seba' għajnejn biex taraha u jibdlu lili fil-famuż ġenju blu, bla xagħar imma b'toppu twil fuq rasu! Għandna artisti tajbin li kapaċi joħolqu settijiet meraviljużi bħalma kellna, kif ukoll min jifhem kemm fis-*sound* u fid-dawl. Dawn l-elementi kollha kienu strumentali sabiex kellna pantomima ta' suċċess u li b'sodisfazzjon kbir għalina, diversi nies qalulna li kienet fl-istess livell ta' xi wħud mill-pantomimi l-kbar li jsiru fi żmien il-festi tal-Milied f'Malta.

Nagħlaq billi mill-qalb nirringrazzja lista twila ta' nies għas-sapport kbir tagħhom, kemm morali, kif ukoll f'ħidmiethom. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li attendew, li kienu verament udjenza meraviljuża u li mlewna b'kuraġġ biex inħarsu 'l quddiem għal produzzjonijiet ta' livell li jaf jippreżenta l-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien.





Is-Sur K Scicluna
Direttur

# JUM TA' ĊELEBRAZZJONI



Is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof huwa ta' importanza kbira fil-ħajja tal-Insara kollha. Hija tikkonferma l-magħmudija tagħna, torbotna iktar mill-qrib mal-Knisja u tagħnina bil-qawwa speċjali tal-Ispirtu s-Santu.

Dan l-aħħar, il-Knisja f'Malta qatgħetha li s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof jibda jsir meta n-Nisrani jkollu 12-il sena, meta l-istudent ikun fit-Tieni Sena tas-Sekondarja. Għal dan il-għan, l-amministrazzjoni tal-iskola ħasset il-bżonn li tiċċelebra dan l-avveniment importanti fil-ħajja ta' dawn l-istudenti, u għat-tieni darba organizzat quddiesa fis-sala tal-iskola. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna l-istudenti kollha tat-Tieni Sena u l-ġenituri tagħhom. Din iċ-ċelebrazzjoni, li saret it-Tnejn, 21 ta' Novembru, tmexxiet mid-Direttur Spiritwali tal-iskola Dun Glen Buhagiar.

Kienet esperjenza unika għal dawk l-istudenti li rċevew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil- parroċċi rispettivi tagħhom. Għaldaqstant fl-iskola, fejn l-istudenti jqattgħu ħafna ħin flimkien, huma ċċelebraw is-Sagrament tal-Ewkaristija u ferħu flimkien f'din l-okkażjoni.

Din l-esperjenza kellha aktar importanza minħabba l-fatt li wieħed mill-istudenti tal-iskola tagħna, Nathan Aquilina tal-klassi 2.8, irċieva s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof f'din l-istess quddiesa. Kien mument emozzjonali ħafna meta Nathan tela' fuq l-altar mal-parrinu tiegħu u ġie midluk biż-żejt tal-Griżma tal-Isqof. L-applaws li qala' kien wieħed li jmiss il-qalb.

Mument emozzjonali ieħor kien wara t-Tqarbin meta, fil-preżenza tal-Kap tal-Iskola s-Sur R. Portelli u l-Assistent Kap inkarigata mill-istudenti tat-Tieni Sena s-Sa E. Spiteri, l-istudenti kollha ngħataw rigal żgħir imma sinifikanti mill-iskola – rigal li se jibqa' dejjem ifakkarhom f'din l-okkażjoni tant speċjali.

L-iskola tixtieq tirringrazzja lil dawk il-ġenituri kollha li attendew din il-quddiesa speċjali u lill-għalliema kollha li għenu biex din l-okkażjoni tkun tant speċjali.

Is-Sa J. Pace

Għalliema

# IL-PROĠETT TAL-FJURI KROKUS

***“La darba taf qatt ma tista’ tinsa.”***

L-għan ta’ dan il-proġett huwa biex tinħoloq kuxjenza dwar il-perikli ta’ diskriminazzjoni, preġudizzju u razziżmu. Xi fjuri tal-Krokus ġew imħawla fil-Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja Subien, Ħal Kirkop, b’tifkira tal-1.5 miljun tifel u tifla Lhud u eluf ta’ tfal oħra li mietu fl-Olokawst. Dawn il-fjuri sofor jissimbolizzaw l-istilel ta’ David, stilel ta’ kulur isfar li l-Lhud kienu sfurzati biex jilbsu taħt ir-regoli tan-Nazi. Huwa importanti ħafna li qatt ma ninsew dan iż-żmien terribbli fl-Istorja Ewropea bejn l-1933 u l-1945. M’għandna nħallu lil ħadd li jweġġa’ jew joqtol lil ħaddieħor sempliċiment għax ma naqblux mal-opinjoni tiegħu.

Is-Sa R. Fenech
Għalliema



The Crocus Project

http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittuco/




**Jekk trid tismà l- programmi ta’ Radju Benedittu żur il-websajt tal-iskola.**

# KALENDARJU UFFIĊJALI

## Frar 2012

| | |
|---|---|
| 1 | Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tal-5 Sena dwar Korsijiet Post-Sekondarji |
| 3 | Taħdita dwar Study Strategies (studenti, LSAs u ġenituri ta' studenti *dyslexic* tar-4 Sena) |
| 6-17 | Eżamijiet ta' nofs is-sena |
| 10 | Vaganza Pubblika |
| 20, 21 | Il-Vaganzi tal-Karnival |
| 22 | Bidu tat-Teaching Practice (it-tieni sessjoni) |
| 24, 25, 26 | *Live in* għall-istudenti tal-5 Sena |
| 27 | Laqgħa għall-Counsellor u l-Guidance Team |
| 27 | Laqgħa dwar l-MCAST għall-istudenti tal-5 Sena |
| 27, 28, 29 | Test u titqiba tat-TB |
| 28 | Żjara f'Dar l-Ewropa u l-Parlament (studenti tat-3 Sena tal-Istudji Soċjali u Studji Ewropej) |
| 28 | Festival tal-Volleyball (għażla ta' studenti mill-1 u t-2 Sena) |

## Marzu 2012

| | |
|---|---|
| 1 | Programm ta' għarfien dwar Occupational Health & Safety (studenti tal-5 Sena) Topik:Saħħa u Sigurtà |
| 1, 2 | Test u titqiba tat-TB |
| 2 | Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tat-2 Sena dwar L-Għażla tas-Suġġetti |
| 2 | Programm ta' għarfien dwar Occupational Health & Safety (studenti tal-5 Sena) Topik:Saħħa u Sigurtà |
| 2 | Festival tar-Rugby fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa (għażla ta' studenti) |
| 5 | Programm ta' għarfien dwar Occupational Health & Safety Topik: L-Ewwel Għajnuna |
| 6 | Programm ta' għarfien dwar Occupational Health & Safety Topik: L-Ewwel Għajnuna |
| 6 | Żjara f'Dar l-Ewropa u *fieldwork* fil-Barrakka t'Isfel (studenti tat-2 Sena JL) |
| 7 | Programm ta' għarfien dwar Occupational Health & Safety Topik: L-Ewwel Għajnuna |
| 9 | Festival ta' Ġinnastika Ritmika fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera (għażla ta' studenti) |
| 9 | SDP |
| 12 | Laqgħa tal-SMT mal-Counsellor u l-Guidance Team |
| 13 | Żjara ta' orjentazzjoni fil-*Middlesea Insurance* |
| 14 | Festival tal-Handball fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq (għażla ta' studenti mit-3, ir-4 u l-5 Sena) |

| Marzu 2012 | |
|---|---|
| 16 | Festival ta' Ġinnastika Artistika fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera (għażla ta' studenti) |
| 19 | Vaganza Pubblika |
| 20 | Jum il-Ġenituri |
| 22, 23, 26, 27 | Sessjoni PD IWB Training |
| 26 | Kors dwar Fire Awareness – CPD Ħal Far (klassijiet 5.8 u 5.9) |
| 27 | Festival tal-Volleyball fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera (għażla ta' studenti mit-3 u r-4 Sena) |
| 27, 28 | Fiera tas-Suġġetti għall-istudenti tat-2 Sena |
| 28 | Festival tal-Handball fil-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq (studenti tal-1 u t-2 Sena) |
| 29 | Festival tal-Cricket fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa (għażla ta' studenti) |
| 30 | Jum l-Isports (studenti tat-3, ir-4 u l-5 Sena) |

| April 2012 | |
|---|---|
| 3 | Taħdita għall-ġenituri u l-istudenti tar-B14 Sena dwar il-Job Exposure |
| 4-11 | Vaganzi tal-Għid |
| 17 | Festival tal-Basketball fil-Padiljun tal-Basketball, Ta' Qali (għażla ta' studenti tal-1 u t-2 Sena |
| 20 | Jum iċ-Ċelebrazzjoni |
| 16, 17, 18, 19, 20 | Job Exposure għall-istudenti tar-4 Sena |
| 23, 24, 25, 26, 27 | Job Exposure għall-istudenti tar-4 Sena |
| 23 | Taħdita dwar Strumenti Tradizzjonali Maltin |
| 24 | Festival tal-Volleyball fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera (studenti tal-1 u t-2 Sena) |
| 27 | Festival tar-Rugby fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa (għażla ta' studenti) |

| Mejju 2012 | |
|---|---|
| 1 | Vaganza Pubblika |
| 3, 4 | Atletika -Track & Field fil-Kumpless Sportiv tal-Marsa |
| 7 | Meeting bejn il-Counsellor u l-Guidance Team |
| 7 | Sessjonijiet individwali bejn il-Counsellor u żewġ Guidance Teachers |
| 7 | Sessjoni PD |
| 9 | Sports Day għall-istudenti tal-1 u t-2 Sena |
| 10 | Sessjonijiet individwali bejn il-Counsellor u zewġ Guidance Teachers |
| 14 | Taħdita għall-ġenituri u l-istudenti tar-4 Sena - *Planning Ahead* |
| 15 | Green Casual Day |



N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

# Il-Ħajja Sportiva fl-Iskola Tagħna

Għal sena oħra l-istudenti tagħna kienu involuti f'attivitajiet differenti marbuta mal-isport. L-isport huwa parti integrali mill-ħajja tal-iskola tagħna u l-faċilitajiet li nsibu fl-iskola jgħinu biex tul il-ħames snin li l-istudenti jdumu jattendu din l-iskola jesperjenzaw sport differenti u jiġu ggwidati dwar liema hu dak l-isport li l-aktar hu adattat għalihom.

Din is-sena l-istudenti tagħna kellhom l-opportunità li jużaw il-Kumpless Sportiv tal-Kunsill Malti għall-Isport waqt il-lezzjonijiet tal-Edukazzjoni Fiżika b'mod partikolari għal sport li jkun dejjem aħjar jekk isir ġewwa fosthom il-*badminton* u l-ġinnastika.

Bħalma ġara f'suġġetti oħra, anke fl-Edukazzjoni Fiżika, beda jiġi attwat is-sillabu l-ġdid għall-istudenti tal-Ewwel Sena. Dan is-sillabu joffri firxa ta' esperjenzi għall-istudenti fejn tul is-sena dawn jipprattikaw l-oqsma kollha tal-isport li huma l-atletika, il-ġinnastika, il-*fitness*, l-*outdoor education* kif ukoll l-isport aktar komuni tal-logħob f'tim. Dan is-sillabu jagħti kas li kull student jieħu sehem fil-lezzjoni, skont l-abilità tiegħu u ħadd ma jiġi eskluż.

L-*outdoor education* huwa wieħed mill-oqsma tal-Edukazzjoni Fiżika li qed jiġi implimentat fl-iskejjel. Bħalma għamilna fis-snin li għaddew, l-istudenti marru *trekking*, attività interessanti ħafna li kienet organizzata bil-għajnuna tal-iSports Promotion Unit. L-istudenti marru għal mixjiet fit-tul, madwar għaxar kilometri, f'diversi rotot madwar Malta fejn apprezzaw ukoll l-ambjent naturali ta' pajjiżna.

Għal sena oħra kellna numru ta' studenti li għażlu li jistudjaw l-Edukazzjoni Fiżika fil-Livell Ordinarju. Dawn qed ikunu ppreparati kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika li jirrikjedi dan is-suġġett. Għalkemm fl-iskola mhawnx faċilitajiet fejn wieħed jipprattika l-għawm, xorta waħda saru arranġamenti biex dawn l-istudenti għamlu lezzjonijiet tal-għawm barra mill-iskola u b'hekk is-sillabu jsir b'mod komplet.

Minbarra l-lezzjonijiet tal-Edukazzjoni Fiżika, l-istudenti tal-iskola tagħna pparteċipaw f'bosta attivitajiet oħra relatati mal-isport, kemm fl-iskola stess kif ukoll barra mill-iskola. Għal sena oħra kienet organizzata l-Council Cup tal-futbol għall-*forms* kollha. Fil-brejk it-twil l-istudenti kienu jattendu bi ħġarhom għal dan il-logħob fejn huma stess kienu jorganizzaw it-timijiet tal-klassijiet tagħhom b'mod illi kull min ried, ingħata l-opportunità li jieħu sehem. Dawk li forsi l-futbol ma tantx huwa l-isport favorit tagħhom, xorta waħda kienu jagħtu s-sehem tagħhom fil-Council Cup u dan billi jiġu jagħtu l-appoġġ tagħhom lil sħabhom li jkunu qed jilagħbu. Minbarra l-futbol, waqt il-ħin tal-brejk, l-istudenti jistgħu ukoll jipparteċipaw f'logħob tal-*basketball* u l-*volleyball*. Barra minn hekk, fil-*foyers* tal-iskola, l-istudenti għandhom imwejjed tal-*billiards* u tat-*table tennis* fejn jistgħu jipparteċipaw f'*tournaments* u logħob. Ma nistgħux ninsew

il-logħba taċ-ċess li kulma jmur qed tikseb dejjem aktar popolarità.



Matul is-sena skolastika, l-Isports Promotion Unit fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni jieħu ħsieb li jorganizza *festivals* ta' sport differenti għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji. L-iskola tagħna tkun dejjem preżenti għal dawn l-attivitajiet b'timijiet kemm tal-*juniors* kif ukoll tas-*seniors*. B'hekk l-istudenti tagħna jkollhom l-opportunità jiltaqgħu ma' studenti oħra u jilagħbu f'atmosfera fejn kulħadd ikun rebbieħ. Fost dawn insemmu l-*basketball*, il-*volleyball*, ir-*rugby*, il-*handball*, l-għawm, il-futbol u l-atletika.



L-għan tal-Edukazzjoni Fiżika hu li nippromwovu stil ta' ħajja attiv. Fil-fatt wara l-ħin tal-iskola jkunu organizzati bosta attivitajiet għal dawk l-istudenti li jridu jibdew jipprattikaw xi sport. Din is-sena l-istudenti setgħu jagħżlu minn *badminton*, *rugby*, futbol u *basketball*.



Il-qofol tal-attivitajiet sportivi fl-iskola tagħna jintlaħaq fiż-żewġ *Sports Days* li jkunu organizzati. L-Isports Day tal-*forms* il-kbar se tkun organizzata qabel il-vaganzi tal-Għid biex nagħtu l-opportunità lill-istudenti tal-Ħames Sena jieħdu sehem f'waħda mill-aħħar attivitajiet li jkunu organizzati għalihom qabel ma jitilqu mill-iskola. L-għan tal-Isports Day hu li l-istudenti jipparteċipaw flimkien f'atmosfera sportiva li tinkoraġġixxi l-*fair play* u x-xogħol f'tim. Wieħed ma jistax ma jsemmix l-entużjażmu li jkun hemm fost l-istudenti fejn kulħadd jibda jagħmel ħiltu biex jikseb suċċess għall-klassi tiegħu.

Is-Sa A.M. Gatt

Għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika

# ATTIVITAJIET MID-DIPARTIMENT TAL-FRANĊIŻ







It-tagħlim tal-lingwa ma tistax tisseparah mill-kultura tal-pajjiż fejn tiġi mitkellma. Għaldaqstant, ta' kull sena, l-istudenti tal-Franċiz jipparteċipaw f'diversi attivitajiet li jqarrbuhom aktar lejn din il-lingwa rikka filwaqt li jitkattar fihom ir-rispett lejn id-diversità u l-plurilingwiżmu.

L-entużjażmu tal-istudenti tal-Ewwel Sena spikka meta dawn żaru r-ristorant Grotto Tavern. Bl-għajnuna tal-kok Franċiż Didier Sergent, huma kellhom l-opportunità li jippreparaw il-*crêpes* u l-*galettes* li huma fost l-ispeċjalitajiet ta' Bretagne, reġjun fil-Punent ta' Franza. Bi pjaċir ngħidu li din is-sena kellna saħansitra l-parteċipazzjoni ta' xi ġenituri li gawdew ukoll din l-attività flimkien ma' wliedhom.

L-istudenti tat-Tieni u t-Tielet Sena żaru l-Alliance Française de Malte-Méditerranée fejn setgħu jaħdmu fi gruppi fuq attività li għandha x'taqsam mal-komik ta' Astérix u wara raw film relatat mal-istess tema. Id-direttriċi, is-Sa Karen Camilleri għarrfet lill-istudenti dwar il-faċilitajiet li joffri dan iċ-ċentru biex wieħed ikun jista' javvanza fit-tagħlim tiegħu.

L-istudenti tar-Raba' Sena attendew bi ħġarhom għall-kolazzjon Franċiż li jitħejja kull sena mill-għalliema biex jikkumplimenta lezzjoni li għandhom fil-ktieb.

Din is-sena kellna wkoll l-opportunità li nilqgħu fostna lil Monsieur H. Papillon, assistent Franċiż li attwalment qed iżur l-iskejjel sekondarji filwaqt li jagħti lekċers fl-Università ta' Malta. Naturalment ma naqasx milli jagħti lezzjonijiet ferm interessanti lill-istudenti tagħna. L-apprezzament tal-istudenti kien fenomenali u dan ġie rifless fil-parteċipazzjoni attiva tagħhom u fix-xewqa li wrew biex ikollhom iktar lezzjonijiet ma' Monsieur H. Papillon.

Il-qofol tat-tagħlim jintlaħaq meta l-istudent innifsu jħabrek biex ikabbar l-għarfien tiegħu. U huwa proprju dan l-iskop aħħari ta' dawn l-attivitajiet!

Is-Sa R. Bonello
Kap tad-Dipartiment tal-Franċiż

# X'KAPAĊITAJIET JGĦINUNI NKUN MEXXEJ TAJJEB?

Skont kif jgħid il-Malti: 'l-eżempju jkaxkar', u għaldaqstant mexxej jeħtieġ li jkun mgħammar b'kapaċitajiet tajbin u pożittivi biex iservi ta' eżempju tajjeb għal dawk ta' madwaru.

Din kienet it-tema prinċipali ta' seminar li ġie organizzat għall-ewwel darba, għall-*prefects* u s-*subprefects* tal-Ewwel u tat-Tieni Sena, nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2011, fid-dar ta' San Ġużepp, Santa Venera. Is-seminar tmexxa minn żewġ għalliema tal-PSD *(Personal and Social Development)* fi ħdan l-aġenzija Sedqa.

Fl-ewwel parti tal-programm, l-istudenti ngħataw informazzjoni viżiva (permezz ta' *presentations* u *videoclips*) dwar l-aġenzija Sedqa u s-servizzi li toffri għall-benefiċċju tal-komunità. Dan, sabiex wieħed isir aktar konxju ta' vizzji li, sfortunatament qed ikollhom impatt negattiv, kemm fuq il-persuna li qiegħda tabbuża, kif ukoll fuq persuni qrib tagħha (familjari, ħbieb u kollegi). B'hekk, il- *leader* ikun f'pożizzjoni aħjar li jagħraf li ma jaqax vittma ta' dawn in-nuqqasijiet u jkun kapaċi joffri l-għajnuna neċessarja f'każ li xi ħadd jisfa vittma ta' dawn il-vizzji.

It-tieni parti tal-programm iffukat aktar fuq l-irwol u l-kapaċitajiet neċessarji li jiffurmaw mexxej eżemplari. Din il-parti kienet interattiva ħafna, fejn minbarra *vidoeclips* li qajmu ħafna diskussjonijiet bejn l-istudenti u l-għalliema, ġew organizzati numru ta' attivitajiet, fejn l-istudenti setgħu jagħrfu aħjar l-importanza ta' *teamwork* u *team building*, il-kwalitajiet li jiffurmaw mexxej tajjeb, kif ukoll modi u manjieri differenti ta' kif mexxej jagħżel li japplika dawn il-kwalitajiet ma' sħabu tal-klassi u l-impatt li dawn il-manjieri differenti jistgħu jħallu.

Ir-riżultat ta' dan is-seminar kien wieħed pożittiv ħafna, fejn l-istudenti wrew ħafna entużjażmu u motivazzjoni tul il-programm ta' attivitajiet. Il-parteċipazzjoni sħiħa u kontinwa għenet biex jinbena *teamwork* tajjeb ħafna bejn il-mexxejja, joħroġ il-karattru differenti tal-parteċipanti u jirrealizzaw l-importanza tal-kapaċitajiet neċessarji li mexxej eżemplari jeħtieġ li jkollu.

Is-Sa R. Zammit
Għalliema tas-Saħħa u s-Sigurtà





## Wiċċ b'ieħor

Kull pass 'il quddiem li nagħmlu
Kull tagħlim u interess
Iqarribna għall-futur isbaħ
F'din id-dinja ta' progress.

Progress, li għalkemm hu tajjeb,
Xi waqtiet użat ħażin.
Fil-kompjuter daħal *facebook*
Li joħdilna wisq mill-ħin.
Flok niltaqgħu fil-kompjuter
Mhux aħjar logħba ballun?
Inkunu nħaddmu ġisimna
Mhux inżommu s-siġġu sħun!

Attenti għal uċuh foloz
Qatt tperrċu informazzjoni
Min ftaħar li se jsiefer
Tal-ħalliel kien tentazzjoni.

Dak il-*facebook* għandu seħer
Tifraħ għax jagħmlulek *like*
Xi kultant jagħmlulek *comment*
Biex jiġbdulek ftit saqajk.

Iżda wara ċ-ċajt jiġi l-biki
U xturek jinkixiflek kollu
Tidħol f'kobba suf imħabbel
U qatt ma jirnexxilek tħollu.

Mela daħħal is-sens u ftakar
Li dal-ktieb kollu uċuh
Iżommkom stagnati u ċassi
U jħawdilkom dawk l-imħuħ.

Mela isa qumu w'agħtu
Lil moħħkom ftit eżerċizzju
Aqbdu ktieb u aqraw storja
Dan żgur huwa l-aħjar vizzju.




Is-Sa C. Agius
Ġenitur

# TIME-TABLE TAL-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - FRAR 2012

| Ġurnata | Sessjoni | L-1 Sena | It-2 Sena | It-3 Sena | Ir-4 Sena | Il-5 Sena |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-Tnejn 6ta' Frar 2012 | 1 | **JUM TA' STUDJU** | | | | **ORALI** |
| | 2 | | | | | |
| | 3 | | | | | |
| It-Tlieta 7ta' Frar 2012 | 1 | Xjenza | **ORALI** | Ingliż | Matematika | Malti |
| | 2 | Studji Soċjali | | ICT | Bijoloġija/DT | Ġografija *Gen / Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | CS/PE | *M'hemmx Eżami* | Kimika / BS |
| L-Erbgħa 8ta' Frar 2012 | 1 | Lingwi barranin | Matematika | Malti | Ingliż | Fiżika |
| | 2 | Ġografija | Studji Soċjali | Reliġjon | Studji Soċjali *Gen / Opt* | Storja *Gen / Opt* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | Studji Ewropej | *M'hemmx Eżami* | Studji Ewropej |
| Il-Ħamis 9ta' Frar 2012 | 1 | Malti | Lingwi barranin | Matematika | HE / GC | Ingliż *List. Comp & Lang.* |
| | 2 | Reliġjon | Storja | Studji Soċjali *Gen / Opt.* Env. Stud. | Reliġjon | Studji Soċjali *Gen / Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | PE / CS | PE |
| It-Tnejn 13ta' Frar 2012 | 1 | HE / GC / DT | Ingliż | Lingwi barranin. *It-3 sena* | Malti | Matematika |
| | 2 | ICT | Ġografija / Environ. Stud | Ġografija *Gen / Opt* | Storja *Gen / Opt.* | Reliġjon |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | DT |
| It-Tlieta 14ta' Frar 2012 | 1 | Ingliż | Malti | Fiżika / Scientific Lit. | Letteratura Ingliża | Taljan |
| | 2 | Storja | Reliġjon | Storja *Gen / Opt.* | Fiżika / Scientific Lit | Spanjol |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| L-Erbgħa 15ta' Frar 2012 | 1 | Matematika | HE / GC / DT | **ORALI** u *Franċiż -1 sena* | Franċiż *It-2 sena* | Bijoloġija/GC |
| | 2 | *M'hemmx Eżami* | Xjenza / Scientific Lit. | **ORALI** | ICT | HE |
| | 3 | | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ħamis 16ta' Frar 2012 | 1 | **ORALI** | ICT | GC | Lingwi barranin *Ir-4 sena* | Letteratura Ingliża |
| | 2 | | *M'hemmx Eżami* | DT | Ġografija *Gen* | Ġermaniż / Għarbi |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | | M'hemmx Eżami | BS/Kimika | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ġimgħa 17ta' Frar 2012 | 1 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | Kimika / HE | **ORALI** | Franċiż |
| | 2 | | | BS / Bijoloġija | | CS |
| | 3 | | | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |

Taqsir tal-kliem - *BS (Business Studies); CS (Computer Studies); D&T (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics);*

# DAWL, ILMA, ENERĠIJA - KORS QASIR



**Kors Qasir ta' 14-il ġimgħa:**

**Dawl, Ilma, Enerġija - ideat prattiċi kif nużawhom aħjar**

F'dan il-kors, il-parteċipanti sa jitgħallmu metodi bażiċi kif jistgħu jaħlu inqas enerġija fid-djar u f'bini kummerċjali żgħir. X'uħud mit-temi li sa jkunu trattati huma *insulation* u modi kif tikkontrolla t-temperatura ġewwa d-dar, kif issaħħan jew tkessaħ id-dar, kif issaħħan l-ilma, bibien u twieqi, dwal, *appliances*, *electronics* u l-użu ta' enerġija nadifa.

Jingħata ċertifikat ta' attendenza lil min jattendi għal 80% tas-sessjonijiet. Il-kors jitmexxa minn persuni kwalifikati u kompetenti.

Ħlas tal-kors: €18.63 għall-Maltin u ċittadini tal-UE u €37.26 għal ċittadini minn barra l-UE.

Is-sessjonijiet isiru kull nhar ta' Tlieta bejn is-6.00 u t-8.00pm fl-Iskola Sekondarja tas-subien San Benedittu, Ħal Kirkop. L-ewwel sessjoni tkun nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2012.

Jekk jinteressak, ġentilment nitolbuk tapplika sat-Tnejn 13 ta' Frar billi ċċempel fuq 25982444 jew tibgħat email fuq eveningcourses.meef@gov.mt

***Dan il-kors hu organizzat mid-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni***

**Bord Editorjali:**
Assistenta Kap: *C. Pisani Grixti*
Disinn: *A. Galea*
Fotografu: *D. Bezzina*
Issettjar: *A. M. Zammit*
Qari tal-Provi: *L. Deguara, W. Incorvaja S. J. Polidano u C. Tanti*
Tradutturi: *D. Bezzina u P. Sacco*
Stampar: *C. Cassar*